DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Diċembru 2008

li tadotta, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, lista inizjali tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed

(notifikata bid-dokument numru C(2008) 7974)

(2009/92/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed imsemmi fl-Artikolu 1(c)(iii) tad-Direttiva 92/43/KEE huwa magħmul minn partijiet mit-territorji tal-Bulgarija u tar-Rumanija, kif speċifikat fil-mappa bijoġeografika approvata fl-20 ta' April 2005 mill-Kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat dwar il-Ħabitati".

(2) Hemm bżonn li, fil-kuntest ta' proċess mibdi fl-1995, ikompli jsir aktar progress fit-twaqqif reali tan-netwerk Natura 2000, li huwa element essenzjali fil-ħarsien tal-bijodiversità fil-Komunità.

(3) Għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed, listi tas-siti proposti bħala siti ta' importanza Komunitarja fit-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE ntbagħtu lill-Kummissjoni mill-Bulgarija u mir-Rumanija bejn Mejju tal-2004 u Jannar tal-2008, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 92/43/KEE.

(4) Il-listi tas-siti proposti kellhom magħhom tagħrif dwar kull sit, mogħti fil-format stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/266/KE tat-18 ta' Diċembru 1996 dwar format ta' tagħrif fuq is-siti għas-siti proposti għan-Natura 2000 [2].

(5) Dak it-tagħrif jinkludi l-mappa l-aktar riċenti u definittiva tas-sit li ntbagħtet mill-Istati Membri kkonċernati, l-isem, il-post u l-firxa tas-sit, u d-dejta li nġabret mill-applikazzjoni tal-kriterji speċifikati fl-Anness III għad-Direttiva 92/43/KEE.

(6) Abbażi tal-abbozz tal-lista mfassal mill-Kummissjoni bi ftehim ma' kull Stat Membru kkonċernat, li jidentifika wkoll is-siti li għandhom tipi ta' ħabitati naturali jew speċijiet ta' prijorità, għandha tiġi adottata lista tas-siti magħżulin bħala siti ta' importanza Komunitarja.

(7) L-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim tat-tipi ta' ħabitati naturali u tal-ispeċijiet qiegħed dejjem jevolvi minħabba s-sorveljanza skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 92/43/KEE. Għalhekk, l-evalwazzjoni u l-għażla tas-siti fil-livell Komunitarju saru billi ntuża l-aqwa tagħrif disponibbli bħalissa.

(8) L-Istati Membri kkonċernati ma ssuġġerewx biżżejjed siti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/43/KEE għal ċerti tipi ta' ħabitati u speċijiet. Għalhekk, għal dawk it-tipi ta' ħabitati u speċijiet, wieħed ma jistax jikkonkludi li n-netwerk huwa komplut. Meta wieħed iqis id-dewmien biex jasal it-tagħrif u biex jintlaħaq qbil mal-Istati Membri, hemm bżonn li tiġi adottata lista inizjali tas-siti li se jkollha bżonn tiġi riveduta skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/43/KEE.

(9) Ladarba l-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim ta' xi whud mit-tipi ta' ħabitati naturali tal-Anness I u tal-ispeċijiet tal-Anness II għad-Direttiva 92/43/KEE għadu mhux komplut, ma għandux jiġi konkluż li n-netwerk huwa komplut jew li mhuwiex. Il-lista inizjali għandha tiġi riveduta, jekk ikun hemm bżonn, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/43/KEE.

(10) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Ħabitati,

[1] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
[2] ĠU L 107, 24.4.1997, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista inizjali tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, hija mniżżla fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Lista inizjali tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed

Kull sit ta' importanza Komunitarja (SCI) huwa identifikat mit-tagħrif mogħti fil-format tan-Natura 2000, inkluż il-mappa korrispondenti. Dan it-tagħrif intbagħat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 92/43/KEE.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti t-tagħrif li ġej:

A : il-kodiċi tal-SCI li fih disa' karattri, li minnhom l-ewwel tnejn huma l-kodiċi tal-ISO tal-Istat Membru;
B : isem l-SCI;
C : * = il-preżenza fl-SCI ta' mill-inqas tip ta' ħabitat naturali wieħed u/jew speċi waħda ta' prijorità fit-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE;
D : l-erja tal-wiċċ tal-SCI f'ettari jew it-tul f'km;
E : il-koordinati ġeografiċi tal-SCI (il-latitudni u l-lonġitudni).

It-tagħrif kollu mogħti fil-lista Komunitarja ta' hawn taħt huwa msejjes fuq id-dejta proposta, mibgħuta u vvalidata mill-Bulgarija u mir-Rumanija.

A	B	C	D		E	
Il-kodiċi tal-SCI	Isem l-SCI	*	L-erja tal-SCI (f'ettari)	It-tul tal-SCI (f'km)	Il-koordinati ġeografiċi tal-SCI	
					Il-lonġitudni	Il-latitudni
BG0000100	Plazh Shkorpilovtzi	*	5 125,65264		E 27 51	N 42 56
BG0000102	Dolinata na reka Batova	*	18 459,2388		E 27 55	N 43 22
BG0000103	Galata	*	1 623,71857		E 27 56	N 43 8
BG0000110	Ostrovi Sv. Ivan I Sv. Petur		30,04		E 27 41	N 42 26
BG0000116	Kamchiya	*	12 919,9374		E 27 45	N 43 1
BG0000118	Zlatni pyasatzi	*	1 374,44		E 28 2	N 43 18
BG0000119	Trite bratya	*	1 021,99		E 27 17	N 42 42
BG0000130	Kraimorska Dobrudzha	*	6 520,74		E 28 20	N 43 37
BG0000132	Pobitite kamani	*	231,35		E 27 41	N 43 13
BG0000133	Kamchiiska i Eminska planina	*	63 678,468		E 27 30	N 42 55
BG0000141	Reka Kamchiya	*	158,84		E 27 28	N 43 2
BG0000143	Karaagach	*	64,16		E 27 46	N 42 13
BG0000146	Plazh Gradina — Zlatna ribka	*	1 153,12		E 27 40	N 42 25
BG0000151	Aitoska planina	*	29 379,4		E 27 26	N 42 41
BG0000154	Ezero Durankulak	*	5 050,79475		E 28 34	N 43 40
BG0000198	Sredetzka reka	*	707,78		E 27 2	N 42 18
BG0000208	Bosna	*	16 225,8881		E 27 38	N 42 11
BG0000219	Derventski vazvisheniya 2	*	55 036,13		E 27 3	N 42 7
BG0000230	Fakiyska reka	*	4 104,72		E 27 17	N 42 17
BG0000242	Zaliv Chengene skele	*	191,19		E 27 30	N 42 25
BG0000270	Atanasovsko ezero	*	7 208,89		E 27 27	N 42 35
BG0000271	Mandra — Poda	*	6 135,8718		E 27 24	N 42 24
BG0000273	Burgasko ezero		3 092,02		E 27 23	N 42 29
BG0000573	Kompleks Kaliakra	*	44 128,2643		E 28 19	N 43 20
BG0000574	Aheloi — Ravda — Nesebar	*	3 928,38		E 27 41	N 42 39
BG0000620	Pomorie	*	2 085,15		E 27 38	N 42 35

A	B	C	D		E	
Il-kodiċi tal-SCI	Isem l-SCI	*	L-erja tal-SCI (f'ettari)	It-tul tal-SCI (f'km)	Il-koordinati ġeografiċi tal-SCI	
					Il-lonġitudni	Il-latitudni
BG0000621	Ezero Shabla — Ezeretz	*	2 623,53		E 28 35	N 43 34
BG0001001	Ropotamo	*	12 815,82		E 27 42	N 42 18
BG0001004	Emine — Irakli	*	11 282,7954		E 27 50	N 42 44
BG0001007	Strandzha	*	118 225,03		E 27 37	N 42 4
ROSCI0065	Delta Dunării	*	457 813,5		E 28 55	N 44 54
ROSCI0066	Delta Dunării — zona marină		121 697		E 29 14	N 44 46
ROSCI0073	Dunele marine de la Agigea	*	12		E 28 38	N 44 5
ROSCI0094	Izvoarele sulfuroase submarine de la Mangalia		362		E 28 35	N 43 48
ROSCI0114	Mlaştina Hergheliei — Obanul Mare şi Peştera Movilei	*	251		E 28 34	N 43 50
ROSCI0157	Pădurea Hagieni — Cotul Văii	*	3 652		E 28 21	N 43 47
ROSCI0197	Plaja submersă Eforie Nord — Eforie Sud		141		E 28 39	N 44 3
ROSCI0237	Structuri submarine metanogene — Sf. Gheorghe		6 122		E 29 45	N 44 52
ROSCI0269	Vama Veche — 2 Mai		5 272		E 28 38	N 43 45
ROSCI0273	Zona marină de la Capul Tuzla		1 738		E 28 41	N 43 59